# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. *JOSEPH R. MICALLEF* LL.D.**

**Illum, il-Hamis 14 ta' Gunju, 2001.**

**Kawza Nru. 13.**
**Citazz. Nru. 143/01 JRM**

**FRANCIS BUSUTTIL AND SONS (MARKETING) LIMITED**

**vs**

**Silvio u Fiona konjugi CATANIA**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni mressaq fit-30 ta' Jannar, 2001, li bih il-kumpannija attrici ppremettiet:

Illi l-konvenut Silvio Catania kien impjegat mal-kumpannija Attrici bhala *assistant store keeper* u kien inkarigat, fost l-ohrajn, li jigbor minghand ix-xufiera il-flejjes migbura minghand il-klijenti tal-kumpannija attrici u jghaddihom lill- accounts department tal-istess kumpannija;

Illi waqt li kien impjegat mal-kumpannija attrici, l-istess konvenut kien negligenti fil-qadi ta' dmiru billi ma segwiex il-proceduri stabbiliti u ma hax il-kontrolli mehtiega, minkejja li dan kien precisament xogholu, liema negligenza tammonta ghal agir doluz u dan kif ser jigu ppruvat tul is-smigh tal-kawza;

Illi inoltre l-konvenut ma ghaddiex lill-kumpannija attrici il-flejjes kollha li hu kien gabar kif premess u dawwar ghalih innifsu ammont sostanzjali ta' flus li kienu tpoggew fil-pussess tieghu mill-impjegati tal-kumpannija;

Illi l-konvenut ma ta l-ebda rendikont sodisfacenti ta' dawn il-flejjes;

Illi kagun tal-agir doluz tal-konvenut il-kumpannija attrici soffriet danni konsistenti f'telf ta' flejjes lilha appartenenti, f'telf kbir ta' hin f'xoghol zejjed da parti tal-impjegati taghha minhabba l-agir tal-konvenut, u f'telf ta' bejgh kif ser jigi ppruvat waqt il-kawza;

Illi inoltre bl-agir tieghu l-konvenut ikkawza diversi problemi amministrattivi lill-kumpannija attrici kif ukoll ikkrealhom diffikoltajiet mal-klijenti, dan kollu kif ser jintwera dettaljatament tul is-smigh tal-kawza;

Illi interpellat ghall-likwidazzjoni u hlas ta' danni, l-istess-konvenut kien verbalment qal li seta' kien hemm xi haga nieqsa u li kien dispost ihallas in-nuqqas risultanti imma minkejja din l-assikurazzjoni baqa ma resaqx u ma hallas xejn;

Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza;

*14 ta' Gunju, 2001.*

Ghalhekk is-socjeta' attrici talbet lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m'ghandhiex:

1. Tiddikjara lill-konvenuti responsabbli ghat-telf u danni sofferti mill-kumpannija attrici liema telf u danni sehhew unikament kagun tal-agir doluz u negligenti tal-konvenut li ma qdiex dmirijietu kif kien marbut li jaghmel minhabba l-impjieg tieghu mal-kumpannija attrici, dan kif premess brevement f'din ic-citazzjoni;

2. Tillikwida d-danni sofferti mill-kumpannija attrici konsistenti f'telf ta' flus u f'telf ta' hin u spejjez li hin inkorriet minhabba l-agir doluz u negligenti tal-konvenut;

3. Tikkundanna lill-konvenuti ghall-hlas tal-ammonti likwidati bl-imghaxijiet legali sad-data tal-pagament effettiv;

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' kwalsiasi att kawtelatorju konness ma' din ic-citazzjoni kontra l- konvenuti li huma minn issa ingunti ghas-subizzjoni;

Rat id-Dikjarazzjoni mahlufa u n-Nota tax-Xiehda tal-kumpannija attrici;

Rat id-Degriet taghha tal-31 ta' Jannar, 2001, li bih appuntat il-kawza ghas-smigh ghall-14 ta' Marzu, 2001, fl-10.00 a.m.;

Rat illi l-imharrkin mizzewgin Catania, notifikati kif imiss fl-20 ta' Frar, 2001, [pagna 6 u 7, *tergo*, tal-process] b'kopja tal-Att tac-Citazzjoni u bl-Avviz tas-Smigh, naqsu li jressqu Nota tal-Eccezzjonijiet fiz-zmien moghti lilhom mil-ligi, jew li b'xi mod jikkontestaw l-azzjoni attrici jew li mqar jidhru quddiem il-Qorti kull meta l-kawza ssejhet, u b'hekk waqghu kontumaci;

Semghet ix-xiehda tal-kumpannija attrici;

Semghet it-trattazzjoni tal-Avukat tal-kumpannija attrici;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Rat id-Degriet taghha tal-10 ta’ Mejju, 2001, li bih halliet il-kawza ghal-lum ghas-sentenza;

## *Ikkunsidrat:*

Illi l-kumpannija attrici qeghda titlob lill-imharrkin jaghmlu tajjeb ghat-telf u l-hsara li garrbet minhabba li l-imharrek Silvio Catania, kemm dam impjegat maghha, kien naqas li jwettaq dmiru sewwa bhala impjegat;

Illi mart l-imharrek mhix qeghda tigi mixlija b’xi nuqqasijiet (kemm hu hekk, hija qatt ma kienet impjegata mal-kumpannija attrici, bhalma kien zewgha) imma hija mfittxija biss ghall-finijiet ta’ gudizzju shih;

Illi meta l-kumpannija fissret x’kien in-nuqqas tal-imharrek li ghalih kellha tiftah il-kawza, inghad li dan kien izomm ghalih flejjes li klijenti tal-kumpannija kienu jghaddu lill-impjegati ohrajn subalterni tieghu bi hlas ta’ oggetti li kienu jixtru minghand il-kumpannija;

Illi irrisulta li l-kumpannija attrici ntebhet b’li kien qieghed jigri meta kienet titlob direttament lill-klijenti taghha jwettqu l-hlas u dawn kienu juruha ricevuti li juru li l-hlas kien sar diga;

Illi l-kumpannija kellha tqabbad nies biex ifittxu fejn kien l- ghajn ta’ dan kollu billi jiflu bir-reqqa l-karti kollha u, fl-ahhar, waslu biex kixfu l-ghamil tal-imharrek;

Illi, mid-dokumenti mressqin [ara l-prospett Dok “A” f’pagna 15], jidher li dan sehh bejn Settembru u Novembru tal-2000;

Illi x-xhud tal-kumpannija qal li l-imharrek, meta nqabad, stqarr kollox [pagna 87 tal-process] ghalkemm sa dak inhar l-istharrig li kienet qeghda taghmel il-kumpannija attrici ma kienx ghadu wera l-ammont preciz ta’ flejjes li l-imharrek zamm ghaih;

Illil kumpannija qeghda tghid li, wara li temmet l-esercizzju taghha, irrisulta li l-imharrek kien zamm ghalih il-flus taht ghadd ta' fatturi li jammontaw b'kollox ghal elfejn disa' mija u disgha u ghoxrin lira maltin u hamsa u tmenin centesmu (Lm2929.85) [ara Dokti f'pagni 16 sa 85 tal-process];

## *Ikkunsidrat:*

Illi, kif inghad, l-imharrkin huma kontumaci, u dan jitfa' piz fuq din il-Qorti biex tifli kif imiss il-provi li tressqu mill-kumpannija specjalment minhabba l-fatt li l-ammont pretiz minnha ma kienx imsemmi fl-Att tac-Citazzjoni;

Illi, minbarra dan, il-kumapnnija attrici qeghda tghid li l-ammont ta' dannu li hija garrbet jammonta b'kollox ghal tlitt elef disa' mija u sebgha u disghin lira maltin u hamsa u tmenin centesmu (Lm3997.85c0);

Illi x-xhud Michael Busuttil ifisser li d-differenza bejn l-ammont pretiz u l-ammont ta' fatturi mressqa - fil-fatt, ammontanti ghal elf u tmienja u sebghin lira (Lm1078) u mhux elf u hamsin lira (Lm1050) kif imsemmi fix-xhieda tieghu - tikkonsisti fi spejjez minfuqa mill-kumpannija rappresentata minnu biex qabbdet tliet (3) impjegati taghha ghal xahar shih biex jgharblu l-karti tal-bejgh u jfittxu fejn kien qieghed isir abbuz mis-sistema tal-hlasijiet;

## *Ikkunsidrat:*

Illi m'ghandux ghalfejn ikun hemm dubju li l-imharrek kien il-persuna li baghbas mas-sistema tal-hlas imfassal mill-kumpannija attrici: dan is-sistema gie mfisser b'reqqa mix-xhud tal-kumpannija li wera wkoll li l-imharrek kien japprofitta min-nuqqas ta' esperjenza ta' impjegati godda tal-kumpannija biex idawwar favur tieghu hlas li huma jkunu gabru, minghajr ma jaghti rendikont shih u xieraq lill-imghallem tieghu, u bla ma l-istess impjegati jintebhu li ma jkunx gie segwit kif imiss is-sistema ta' kontabilita' lejn il-kumpannija;

Illi l-Qorti gharblet ukoll il-provi dokumentali mressqin biex isostnu l-ammonti mizmuma mill-imharrek. Minnhom infushom, m'hemm l-ebda wahda mill-fatturi esebiti li turi li l-hlas dwarha kien inzamm mill-imharrek, izda fuq uhud minnhom hemm notamenti li juru li l-klijent ikun hallas u l-ammont ma jkunx ghadda ghand il-kumpannija attrici;

Illi l-Qorti thossha fid-dmir li taghmel dawn l-osservazzjonijiet dwar il-prospett u l-fatturi esebiti: (i) hemm erbatax-il (14) *item* imsemmijin fil-Prospett [pagna 15] li dwarhom ma jidhrix li hemm fattura korrispondenti esebita: dawn jammontaw b'kollox ghal hames mija u dsatax-il lira u sebgha u tletin centesmu (Lm519.37); (ii) il-fatturi esebiti bhala dokumenti 36 u 39 [pagni 56 u 60 tal-process] huma l-istess: mela l-ammont dovut huwa wiehed, jigifieri Lm17.13; u (iii) illi l-fattura f'pagna 84 turi ammont ikbar minn dak li jghid il-Prospett dwar l-istess partita (differenza ta' Lm10.25). B'kollox, ghalhekk, bejn l-ammont mitlub u dak ippruvat tesisti differenza ta' hames mija u sitta u ghoxrin lira u hamsa u ghoxrin centesmu (Lm526.25). Mela, l-ammont dovut huwa ta' elfejn erba' mija u tliet liri maltin u sittin centesmu (Lm2403.60);

Illi jibqa' li tigi meqjusa t-talba l-ohra tal-kumpannija attrici dwar l-ispejjez li nefqet biex qabbdet xi impjegati taghha biex jaghmlu t-tiftix minflok wettqu xogholhom normali. Il-Qorti tifhem li l-ammont mitlub dwar kull wiehed huwa ta' madwar Lm360. Il-Qorti tifhem ukoll li huma thallsu s-salarju normali taghhom, minkejja li ma wettqux ix-xoghol normali taghhom fiz-zmien li kienu ghaddejjin bit-tiftix. Ma nghadx li l-hlas lil dawn it-tlieta min-nies sar b'sahra. Min-naha l-ohra, il-Qorti tifhem li biex il-kumpannija attrici wettqet dan l-esercizzju, kien mehtieg il-hin, u li kieku qabbdet nies barranin, kienet tidhol fi spejjez ukoll. Hija tqis ukoll li dan kollu sehh minhabba li, b'ghamilu, l-imharrek ipprova jahbi dak li kien qieghed jaghmel u li, fil-fatt, dak l-esercizzju wera li kien hu li jahti ghal dan kollu;

Illi, b'dan kollu dikjarat, u minhabba li ma tressqux provi izjed konkreti minn semplici dikjarazzjoni bil-fomm, il-Qorti thoss li jkollha tqis l-ammont *arbitrio boni viri*;

Illi, wara li qieset ic-cirkostanzi kollha msemmija, jidhrilha li l-ammont dovut lill-kumpannija attrici ghal dawn l-ispejjez huwa ta' hames mija u disgha u tletin lira maltin (Lm539);

Ghalhekk, il-Qorti qeghda taqta' u tiddeciedi l-kawza billi, fil-kontumacja tal-imharrkin:

**Tilqa' l-ewwel talba attrici** u tiddikjara li l-imharrek kien jahti ghall-hsara mgarrba minnha minhabba l-ghamil tieghu u n-nuqqas ta' qadi min-naha tieghu ta' dmirijietu bhala impjegat taghha;

**Tilqa' t-tieni talba**, u tillikwida d-danni mgarrba mill-kumpannija attrici fl-ammont ta' elfejn disa' mija u tnejn u erbghin lira maltin u sittin centesmu (Lm2,942.60), li, in kwantu ghal Lm2,403.60 tirrapresenta l-ammont pruvat ta' flejjes minnu approprijati bi hsara ghall-kumpannija, u in kwantu ghal Lm539 rappresentanti l-ispejjez ragonevoli minfuqa mill-kumpannija attrici biex waslet biex tikxef li kien l-imharrek li wettaq dak l-ghamil abbusiv;

**Tilqa' t-tielet talba**, u tikkundanna lill-imharrkin a tenur tal-artikolu 1327 (f) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta biex ihallsu flimkien u solidalment bejniethom lill-kumpannija attrici s-somma ta' Lm2,942.60 hekk likwidata; u

Tikkundanna lill-imharrkin ihallsu wkoll l-ispejjez kollha tal-kawza.

## Moqrija

*14 ta' Gunju, 2001.*

**ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.**
**14 ta' Gunju, 2001.**

**Charles Falzon,**
**Deputat Registratur**
**14 ta' Gunju, 2001.**